



Brussell, 26 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14308/21

RECH 538
COMPET 865

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 26 ta' Novembru 2021

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 14126/21

Suġġett: Il-governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER)
- konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fis-26/11/2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), adottati mill-Kunsill fit-3830 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Novembru 2021.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**DWAR IL-GOVERNANZA FUTURA TAŻ-ŻONA EWROPEA TAR-RIĊERKA (ŻER)****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA****FILWAQT LI JFAKKAR**

- Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2015 dwar ir-"Reviżjoni tal-istruttura konsultattiva taż-Żona Ewropea tar-Riċerka"¹ li tennew l-importanza ta' struttura konsultattiva li tiffunzjona tajjeb biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni koerenti u effettiva taż-ŻER;
- ir-rapport tal-KŻER ta' Diċembru 2020 dwar "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-2019 għall-Istruttura Konsultattiva taż-Żona Ewropea tar-Riċerka"² u t-tagħlimiet meħuda tiegħu u l-opinjoni tal-KŻER ta' Diċembru 2019 dwar il-futur taż-ŻER³;
- fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2020 dwar iż-"Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida"⁴ li hija definita bħala qasam ta' eċċellenza, iċċentrat fuq ir-riċerka, ibbażat fuq il-valuri, kif ukoll xprunat mill-impatt, fejn ir-riċerkaturi, l-għarfien u t-teknoloġija huma appoġġati u jistgħu jiċċirkolaw liberament u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw fl-2021 Aġenda ta' Politika taż-ŻER u mudell ta' governanza f'diversi livelli biex jagħtu riżultati fir-rigward taż-"ŻER Ġdida", filwaqt li jitqiesu l-elementi relatati mal-governanza fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Settembru 2020 dwar "ŻER ġdida għar-riċerka u l-innovazzjoni"⁵;

¹ 14875/15.

² KŻER 1212/20.

³ KŻER 1201/20.

⁴ 13567/20.

⁵ 11400/20 + ADD1.

KUNTEST ĠDID TA' GOVERNANZA TAŻ-ŻER

1. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġi rivedut u riformat il-qafas ta' governanza għaż-ŻER, sabiex jiġi rifless l-ambjent ta' politika mibdul li jaffettwa r-riċerka u l-innovazzjoni, biex jitrawmu l-investimenti u r-riformi meħtieġa biex b'hekk tiġi żgurata t-tmexxija xjentifika tagħna u l-ħtieġa li jiġi sfruttat b'mod aktar effettiv il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni għas-soċjetà u l-ekonomija;
2. JAGĦRAF ir-rikonoxximent soċjetali usa' u l-istennija akbar tar-rwol tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-isfruttament tiegħu fl-indirizzar tal-isfidi soċjetali, ambjentali u ekonomiċi attwali u futuri kkawżati, fost l-oħrajn, mill-COVID-19 u t-tibdil fil-klima, li jinvolvu wkoll il-ħtieġa għal politika Ewropea mġedda, aktar b'saħħitha u aktar koerenti tar-riċerka u l-innovazzjoni; ITENNI l-importanza kontinwa ta' xjenza bażika mmexxija mill-kurżità u JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jsibu bilanċ bejn investimenti pubbliċi tar-riċerka u l-innovazzjoni "orjentati lejn missjoni" u "mmexxija mill-kurżità" bħala prerekwiżit biex tinkiseb iż-ŻER il-ġdida;
3. JAGĦRAF li l-kisba tal-oġġettivi u l-miri definiti fi ħdan iż-ŻER teħtieġ analiżi ta' prospettiva u prijoritizzazzjoni tal-inizjattivi ta' politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, aktar sjieda politika u traduzzjoni aktar effettiva f'azzjoni permezz ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali;
4. IQIS li s-sħubija speċjali privileġġata bejn l-Unjoni u l-pajjiżi assoċjati, kif ukoll il-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni taż-ŻER, huma importanti; JAQBEL ma' approċċ skont il-każ għall-involvement tal-pajjiżi assoċjati u l-partijiet ikkonċernati fil-korpi ta' governanza filwaqt li jitqiesu r-rwoli rispettivi tagħhom fl-implimentazzjoni taż-ŻER, kif ukoll dik ta' pajjiżi terzi rilevanti; u JTENNI li l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għandha tkun ibbażata fuq valuri u prinċipji fundamentali kondiviżi, inkluż reċiproċità bbilanċjata u rispett għal-libertà akkademika;

5. JENFASIZZA d-dimensjonijiet transsettorjali tal-politika taż-ŻER bħala karatteristiċi essenzjali għall-governanza tagħha, li jirrikjedu sjieda kondiviża u d-direzzjonalità tal-azzjonijiet ta' politika; JENFASIZZA li r-riċerka u l-innovazzjoni jinsabu fil-qalba tat-tranżizzjoni ekoloġika, tat-trasformazzjoni diġitali u ta' għanijiet ta' politika transsettorjali oħra, u għandhom jikkontribwixxu għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti, li għalihom huma meħtieġa interfaċċi ta' koordinazzjoni u skambji ta' għarfien imtejba fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali ma' tali politiki settorjali;
6. JENFASIZZA r-rwol li l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Programm Qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni u l-istrumenti tal-politika ta' Koeżjoni jista' jkollhom biex jappoġġaw iż-ŻER il-ġdida;
7. IFAKKAR fl-importanza tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki għar-riċerka u l-innovazzjoni u JIEĦU NOTA tal-kontribut tad-Dikjarazzjoni ta' Ljubljana dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fir-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-Azzjoni taż-ŻER f'dan il-qasam;

GOVERNANZA MĠEDDA TAŻ-ŻER U STABBILIMENT TAL-POLITIKA

8. JENFASIZZA li ż-ŻER il-ġdida u l-prijoritajiet tagħha jeħtieġu tfassil mill-ġdid komprensiv tal-governanza attwali taż-ŻER, bil-ħsieb li jiġu razzjonalizzati r-riżorsi u tissaħħaħ il-kapaċità tagħha għal implimentazzjoni effettiva filwaqt li jiġi rrispettat il-bilanċ interistituzzjonali, il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenzi rispettivi fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni; JAGĦRAF li l-governanza taż-ŻER il-ġdida għandha tkun iffurmata, fost l-oħrajn, permezz ta':
 - a. il-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa li jistabbilixxi l-valuri u l-prinċipji fundamentali tar-riċerka u l-innovazzjoni għaż-ŻER il-ġdida, l-oqsma ta' prijorità għall-azzjonijiet taż-ŻER u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-politika;
 - b. l-aġenda ta' Politika taż-ŻER, imfassla biex tikkontribwixxi għall-oqsma ta' prijorità mill-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jstipula l-azzjonijiet volontarji taż-ŻER li huma definiti u kkoordinati fil-livell tal-Unjoni sabiex jinkisbu l-eżiti miftiehma;

L-Aġenda ta' Politika taż-ŻER u l-azzjonijiet taż-ŻER

9. JISSOTTOLINJA li biex tinkiseb iż-ŻER il-ġdida hija meħtieġa Aġenda ta' Politika taż-ŻER li tiżgura l-impenn tal-atturi rilevanti kollha, tħaddan id-diversità tal-ambjenti ta' politika nazzjonali u reġjonali u tħaddem approċċ imfassal apposta u volontarju. Filwaqt li tirrikonoxxi n-natura aktar fit-tul ta' xi azzjonijiet, l-Aġenda għandha tiġi approvata mill-Kunsill kull tliet snin;
10. L-azzjonijiet taż-ŻER huma identifikati fl-aġenda ta' politika taż-ŻER bil-ħsieb li jiġu żgurati l-impatt, il-kredibbiltà u l-effettività taż-ŻER il-ġdida, u l-implimentazzjoni attwali tagħhom għandu jkollha l-għan li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:
 - Relevanza: jindirizzaw mill-inqas wieħed mill-oqsma ta' prijorità identifikati fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u jiżguraw valur miżjud ċar ta' azzjoni konġunta;
 - Vijabilità: jistabbilixxu b'mod ċar l-oġettiv, il-kalendarju, l-istadji importanti, l-atturi, u l-finanzjament tagħhom kif ukoll il-kontribut antiċipat għat-twettiq taż-ŻER;
 - Impenn: jiżguraw l-impenn ta' mill-inqas nofs l-Istati Membri tal-Unjoni li jirrappreżentaw massa kritika sabiex jiġi żgurat appoġġ politiku wiesa' u jiġu pprovduti opportunitajiet lil hinn mill-Istati parteċipanti għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha;
11. JAQBEL dwar l-Aġenda ta' Politika komuni taż-ŻER għall-2022-2024 kif ippreżentata fl-Anness, IQISHA dokument dinamiku li jista' jkun soġġett għal aġġustamenti mill-Kunsill matul id-durata tiegħu, u JAPPELLA għall-implimentazzjoni tal-aġenda mill-Kummissjoni u l-Istati Membri, f'kooperazzjoni ma' pajjiżi assoċjati, partijiet ikkonċernati u pajjiżi terzi rilevanti fejn applikabbli;

12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipprovdi dokumenti ta' spjegazzjoni għal kull azzjoni taż-ŻER li jinsabu fl-Anness u, abbażi ta' dan, JISTIEDEN lill-KŻER jipprovdi l-fehmiet tiegħu dwar l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER sa April 2022, sabiex ikun aktar faċli għall-Istati Membri u fejn applikabbli l-pajjiżi assoċjati biex fl-ewwel semestru tal-2022 jidentifikaw l-azzjonijiet taż-ŻER li jixtiequ jipparteċipaw fihom; JAPPELLA lill-Istati Membri u JISTIEDEN lill-pajjiżi assoċjati jipprovdu informazzjoni dwar l-adozzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali; JENFASIZZA li huwa f'idejn kull Stat Membru u pajjiż assoċjat li jiddefinixxu kif l-Azzjonijiet taż-ŻER li jagħżlu li jipparteċipaw fihom għandhom jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali; JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati jiddeterminaw l-aħjar proċess nazzjonali għall-ġoti ta' informazzjoni fil-pjattaforma online tal-politika taż-ŻER dwar il-miżuri, inkluż riformi jew investimenti potenzjali, rilevanti għall-Azzjonijiet magħżula taż-ŻER u għall-prijoritajiet taż-ŻER, inkluż dawk riflessi fil-veikoli ta' politika nazzjonali magħżula bħall-istrategġiji, il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali jew il-Pjanijiet Direzzjonali fejn disponibbli;

Arkitettura tal-governanza taż-ŻER

13. JAQBEL li r-rwol tat-teħid ta' deċiżjonijiet u ta' gwida tal-politika tal-Kunsill fil-governanza taż-ŻER jinkludi b'mod partikolari l-approvazzjoni ta' gwida fit-tul fil-forma tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa, ta' priyoritajiet ta' nofs it-terminu fil-forma tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER, fil-prinċipju t-tnejn ibbażati fuq inizjattivi tal-Kummissjoni, u tar-reviżjoni tagħhom b'rispons għall-valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER u għall-valutazzjoni tal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa rispettivament; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex taggħorna lill-Kunsill regolarment, inkluż permezz tal-korpi preparatorji tagħha, dwar il-ħidma mwettqa mill-Forum taż-ŻER; IFAKKAR fir-rwol tal-Kunsill li jipprovdi gwida politika addizzjonali fi kwalunkwe ħin b'inizjattivi bħall-Konklużjonijiet tal-Kunsill u r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill dwar kwalunkwe kwistjoni relatata maż-ŻER u mar-riċerka u l-innovazzjoni;

14. JISTIEDEN lill-Presidenzi tal-Kunsill jikkunsidraw l-organizzazzjoni ta' konferenzi ministerjali taż-ŻER biex jinfurmaw dwar l-evoluzzjoni taż-ŻER, filwaqt li jibnu fuq il-ħidma tal-korpi rilevanti ta' governanza taż-ŻER fejn adatt⁶;
15. JAFFERMA MILL-ĠDID lill-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER) bħala l-kumitat konsultattiv konġunt ta' livell għoli dwar il-politika strateġika u li jipprovdi pariri bikrija lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet strateġiċi ta' politika tar-riċerka u l-innovazzjoni; JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li l-KŻER jingħata mandat li jippermettilu jagħti pariri dwar id-direzzjoni strateġika tal-politika Ewropea u nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni; JIRRAKKOMANDA li l-mandat rivedut jinkludi, fost l-oħrajn, elementi biex:
- jagħti pariri dwar l-orjentazzjonijiet strateġiċi ta' politika u x-xejriet futuri li jirrikjedu l-irfinar tal-politiki tal-Unjoni u nazzjonali, inkluż daww reġjonali, tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż dwar il-Programm Qafas attwali u li jmiss tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni u inizjattivi rilevanti oħra tal-Unjoni xprunati mir-riċerka u l-innovazzjoni;
 - jibda aġġornamenti tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER, billi jipprovdi parir strateġiku bikri infurmat anke billi jqis il-progress li sar fl-Azzjonijiet taż-ŻER li għaddejjin bħalissa;
 - jirrifletti u jipprovdi pariri dwar talbiet ġodda ta' politika, li jissodisfaw il-kriterji tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER, matul l-implimentazzjoni tagħha;
 - jinteraġixxi ma' strutturi ta' governanza u koordinazzjoni fl-livell simili f'oqsma ta' politika rilevanti oħra, bħall-edukazzjoni għolja u l-industrija;

⁶ 14989/18 u 13567/20.

16. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-Forum taż-ŻER, inkluż is-sottogruppi possibbli tiegħu, bħala l-korp ta' implimentazzjoni operazzjonali, stabbilit mill-Kummissjoni, responsabbli għat-titjib tal-koordinazzjoni lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER, filwaqt li jappoġġa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fit-twettiq tal-Azzjonijiet taż-ŻER; IQIS li l-Forum taż-ŻER għandu:
- ifassal b'mod konġunt ma' u jikkoordina fost il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar it-tnejn tal-inizjattivi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-aġġornamenti futuri tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER u jiddiskuti l-allinjament ma' politiki oħra;
 - ifassal b'mod konġunt u jikkoordina l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taż-ŻER fost il-Kummissjoni, l-Istati Membri u, skont il-każ, pajjiżi assoċjati, partijiet ikkonċernati, kif ukoll pajjiżi terzi rilevanti;
 - janalizza l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni taż-ŻER u l-informazzjoni pprovduta permezz tal-pjattaforma ta' politika taż-ŻER, u jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Kummissjoni fit-tnejn ta' rapport lill-Kunsill;
 - jaġixxi bħala faċilitatur għat-tnejn ta' Azzjonijiet kandidati addizzjonali taż-ŻER f'ġeometrija varjabbli, b'appoġġ mill-Unjoni fejn xieraq, kif ukoll għall-iskambju tal-aħjar prattiki dwar il-politiki u l-miżuri nazzjonali taż-ŻER;

IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tistabbilixxi, sa tmiem l-2021, il-Forum taż-ŻER; IQIS li l-kopresidenza tal-Forum taż-ŻER mill-Kummissjoni u minn rappreżentant ta' Stat Membru ser tirriżulta f'sjieda msaħħa u implimentazzjoni aktar effiċjenti taż-ŻER imġedda; bl-istess mod, is-sottogruppi tiegħu jistgħu jiġu ppreseduti jew kopreseduti mill-Kummissjoni u/jew Stat Membru, jew, soġġett għal qbil fil-Forum taż-ŻER, kopreseduti minn pajjiż assoċjat jew rappreżentant tal-partijiet ikkonċernati;

18. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Kunsill sa nofs l-2022 qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-implimentazzjoni taż-ŻER imfassal b'mod konġunt mal-Forum taż-ŻER u tipprovdi informazzjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER f'nofs it-terminu, abbażi tad-diskussjonijiet li saru mill-Forum taż-ŻER; IFAKKAR li l-KŻER jista' jintalab jipprovdi pariri dwar dawn l-inizjattivi fi kwalunkwe ħin;
19. JIRRAKKOMANDA li l-parteċipazzjoni fil-laqgħat magħżula tal-Forum taż-ŻER jew il-punti speċifiċi tal-aġenda tagħhom meta titħejja l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER għandha tkun limitata għar-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, filwaqt li tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati u l-pajjiżi assoċjati kif ukoll ma' pajjiżi terzi rilevanti;
20. JIPPROPONI li jiġi stabbilit Kumitat ta' Tmexxija fi ħdan il-Forum taż-ŻER, li jikkonsisti mill-Kummissjoni, it-Triju ta' Presidenzi tal-Kunsill fil-kariga u sussegwenti, għat-tħejjija tal-laqgħat tiegħu; JIRRAKKOMANDA li, abbażi ta' proposta mill-Kumitat ta' Tmexxija, il-Forum taż-ŻER japplika approċċ konsistenti kemm jista' jkun mal-involvement ta' pajjiżi assoċjati, pajjiżi terzi rilevanti u partijiet ikkonċernati fil-ħidma tiegħu;
21. IQIS li l-partijiet ikkonċernati għandhom ikunu involuti b'mod aktar sistematiku fit-twettiq taż-ŻER fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali; JISSOTTOLINJA li l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali għandha tiġi żgurata fil-livell nazzjonali; fir-rigward tal-ħidma tal-Forum taż-ŻER u s-sottogruppi possibbli tiegħu, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tipprevedi li l-Forum taż-ŻER ser:

- jiżgura involviment rappreżentattiv fil-laqgħat rilevanti tiegħu ta' organizzazzjonijiet umbrella fil-livell tal-UE jew organizzazzjonijiet rappreżentattivi xierqa oħra rilevanti fil-livell tal-UE tas-seba' tipi ta' partijiet ikkonċernati li ġejjin: universitajiet u istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u t-teknoloġija, negozji li jwettqu ħidma intensiva fir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż SMEs, riċerkaturi u innovaturi individwali, inkluż fl-istadji bikrija u intermedji tat-trasportaturi tagħhom, l-infrastrutturi tar-riċerka, organizzazzjonijiet ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni u akkademji tax-xjenzi;
- jistabbilixxi regjistru miftuħ, online u volontarju tal-partijiet ikkonċernati biex tizzied it-trasparenza fl-identifikazzjoni tal-partijiet ikkonċernati taż-ŻER involuti fil-ħidma tal-Forum taż-ŻER u s-sottogruppi possibbli tiegħu, b'kont meħud tal-kwistjonijiet tematiċi rispettivi;
- iqis l-awtonomija istituzzjonali tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka pubbliċi u privati u tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja meta jiġu diskussi r-riformi potenzjali tal-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livelli rilevanti kollha;

22. JAQBEL li jiġi eżaminat il-mandat tal-KŻER sabiex jirrifletti l-governanza l-ġdida taż-ŻER, inkluż il-limitazzjoni tas-sħubija għar-rappreżentanti tal-Istati Membri b'livell eżekuttiv għoli ta' responsabbiltà għall-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni; JAGĦRAF il-valur miżjud tal-kopresidenza tal-KŻER mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u JISSUĠĠERIXXI li jkunu mistiedna pajjiżi assoċjati kif ukoll pajjiżi terzi rilevanti, esperti esterni u partijiet ikkonċernati għal-laqgħat rilevanti tal-KŻER għal suġġetti speċifiċi fuq l-aġenda; JISSUĠĠERIXXI li jkun hemm rappreżentanza tat-Triju ta' Presidenzi tal-Kunsill fil-kariga u sussegwenti fuq il-Bord ta' Tmexxija tal-KŻER, li jagħżel u jħejji suġġetti għal diskussjonijiet strateġiċi tal-KŻER, appoġġati kif meħtieġ mit-task forces ad hoc tal-KŻER, u li jkunu infurmati mill-ħidma tal-Forum taż-ŻER kif xieraq;
23. IQIS li l-ħolqien ta' sottogruppi tal-Forum taż-ŻER għal żmien limitat, iffukati fuq ir-riżultati u marbuta mal-oġġettivi, meta debitament ġustifikat, għandu jkun l-approċċ prestabbilit għall-implimentazzjoni tal-Azzjonijiet taż-ŻER;

24. JISSUĠĠERIXXI li għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-infrastrutturi tar-riċerka u s-sħubijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-istrutturi ta' governanza permanenti, il-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI), iċ-Ċentru tas-Sħubija tal-Għarfien u l-Bord ta' Tmexxija tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) ikompli l-ħidma tagħhom bħala Gruppi ta' Esperti indipendenti tal-Kummissjoni u jikkoordinaw mill-qrib mal-Forum taż-ŻER u jinfurmawh b'mod regolari; JENFASIZZA li dawn l-istrutturi għandhom iqisu l-approċċ imġedded għall-governanza taż-ŻER inkluż il-possibbiltà li jiġu ppreseduti jew kopreseduti minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u/jew tal-Istati Membri;
25. JISSOTTOLINJA r-rwol ta' integrazzjoni u strutturar tal-infrastrutturi tar-riċerka fil-livelli kollha, inkluż l-infrastrutturi elettroniċi, fl-ekosistema Ewropea tal-għarfien u l-innovazzjoni, JAPPROVA l-Pjan Direzzjonali tal-ESFRI adottat fl-2021, JILQA' l-valutazzjoni li għaddejja tal-qafas legali tal-Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) u JTENNI l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta r-rapport ta' implimentazzjoni li jmiss tal-ERIC sal-2022;
26. JAQBEL li l-gruppi eżistenti relatati maż-ŻER: il-konfigurazzjonijiet dedikati tal-KŻER (Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ipprogrammar Konġunt), l-SFIC (il-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika Internazzjonali) u l-Gruppi ta' Ħidma Permanenti dwar ir-Riżorsi Umani u l-Mobbiltà, dwar il-Ġeneru fir-Riċerka u l-Innovazzjoni u dwar ix-Xjenza Miftuħa u l-Innovazzjoni jitwaqqfu bħala gruppi taħt il-kompetenza tal-Kunsill; JIRRAKKOMANDA li l-ħidma tagħhom tiġi kkunsidrata u, jekk jiġi deċiż hekk fi ħdan il-Forum taż-ŻER, titkompla fi ħdan il-Forum taż-ŻER, sal-punt fejn tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER il-ġdida;
27. FILWAQT LI JAGĦRAF l-approċċ globali ġdid għar-riċerka u l-innovazzjoni kif stipulat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – L-istrategġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel", JIRRAKKOMANDA li jiġi stabbilit sottogrupp permanenti tal-Forum taż-ŻER, kopresedut mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, biex titqies u titkompla l-ħidma mwettqa mill-SFIC;

28. JISTIEDEN lill-Istati Membri, pajjiżi terzi assoċjati u oħrajn rilevanti biex jiżguraw riżorsi adatti għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet u l-prijoritajiet taż-ŻER fil-livell nazzjonali u/jew reġjonali; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tagħmel hliitha biex tnaqqas il-burokrazija u l-piż amministrattiv meta timplimenta l-pjattaforma ta' politika online u twettaq djalogi bilaterali bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.
-

AĠENDA TA' POLITIKA TAŻ-ŻER 2022-2024

Din l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER tistabbilixxi katalogu ta' azzjonijiet volontarju taż-ŻER għall-perijodu 2022-2024 biex jikkontribwixxu għall-oqsma ta' prijorità definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa. Hija l-ewwel pass biex jiġu indirizzati b'mod komprensiv l-oqsma ta' prijorità stabbiliti fil-Patt. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati huma mistiedna jidentifikaw f'liema azzjonijiet jixtiequ jipparteċipaw u jiddeterminaw kif dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali. Edizzjonijiet sussegwenti tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER ser ikomplu jikkomplementaw dawn l-azzjonijiet fit-tul.

Fil-parti l-kbira hija bbażata fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni" u fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2020 dwar iż-"Żona Ewropea tar-Riċerka Ġdida", ta' Mejju 2021 dwar "Approfondiment taż-ŻER: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà" u ta' Settembru 2021 dwar l-"Approċċ globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni".

L-azzjonijiet li ġejjin taż-ŻER huma ordnati skont l-oqsma ta' prijorità fil-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni:

Qasam ta' Prijorità: Approfondiment ta' suq intern li jiffunzjona għalkollox għall-għarfien

Azzjonijiet taż-ŻER	Eżiti
1. L-abilitazzjoni ta' kondivizzjoni miftuħa tal-għarfien u l-użu mill-ġdid tar-riżultati tar-riċerka, inkluż permezz tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC)	• L-użu ta' prinċipji tax-Xjenza Miftuħa u l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki tax-Xjenza Miftuħa • L-użu tal-komponenti u s-servizzi ewlenin tal-EOSC u l-federazzjoni tal-infrastrutturi tad-data eżistenti fl-Ewropa, filwaqt li ssir ħidma lejn l-interoperabbiltà tad-data tar-riċerka • L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-ġbir tad-data u għall-valutazzjoni komparattiva tal-investimenti, il-politiki, ir-riżultati tar-riċerka diġitali, il-ħiliet tax-xjenza miftuħa u l-kapaċitajiet tal-infrastruttura relatati mal-EOSC
2. Il-proponiment ta' qafas leġislattiv u regolatorju tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur u d-data li jkun adattat għar-riċerka	• L-identifikazzjoni ta' ostakli u sfidi għall-aċċess u l-użu mill-ġdid ta' riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni ffinanzjati pubblikament u ta' pubblikazzjonijiet u data għal finijiet xjentifiċi, u l-identifikazzjoni ta' impatti potenzjali fuq ir-riċerka, permezz ta' analiżi tad-dispożizzjonijiet rilevanti skont l-oqfsa regolatorji u tal-leġislazzjoni relatati tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur u d-data, u tal-inizjattivi istituzzjonali u nazzjonali rilevanti • Proposta ta' miżuri leġislattivi u mhux leġislattivi biex jittejjbu l-oqfsa leġislattivi u regolatorji attwali tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur u d-data
3. Progress lejn ir-riforma tas-Sistema ta' Valutazzjoni għar-riċerka, ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet biex jittejjbu l-kwalità, il-prestazzjoni u l-impatt tagħhom	• L-analiżi tal-ostakli legali u amministrattivi fil-livell nazzjonali u dak tranżnazzjonali għal sistema moderna ta' valutazzjoni tar-riċerka • Il-ħolqien ta' koalizzjoni ta' finanzjaturi għar-riċerka u dawk li jwettqu r-riċerka Ewropej li jaqblu dwar approċċ ġdid għall-valutazzjoni tar-riċerka, wara konsultazzjonijiet wiesgħa u inklużivi fil-livell Ewropew u dak internazzjonali • Pjan ta' implimentazzjoni tal-koalizzjoni biex jitnieda l-approċċ il-ġdid, inkluż proġetti pilota f'dominji differenti

4. Il-promozzjoni ta' karrieri fir-riċerka attraenti u sostenibbli, iċ-ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talent u l-mobbiltà internazzjonali, transdixiplinarja u intersettorjali madwar iż-ŻER	• L-iżvilupp ta' Qafas Ewropew għall-karrieri fir-riċerka u sett ta' għodod ta' miżuri ta' appoġġ biex tittejjeb l-attraenza tal-karrieri fir-riċerka fid-dinja akkademika u lil hinn minnha • It-tnedija ta' osservatorju dwar il-karrieri fir-riċerka • Ir-reviżjoni tal-Karta u l-Kodiċi għar-riċerkaturi • L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER bħala l-gateway online tal-punt uniku ta' kuntatt għas-servizzi, in-networks u l-portals EURAXESS, inkluż HRS4R u RESAVER • It-tnedija tal-inizjattiva ERA4You biex tiġi promossa ċ-ċirkolazzjoni tat-talenti bejn is-setturi u madwar l-UE • L-iskambju ta' prattiki tajbin fir-rigward tas-sistemi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni biex tiġi appoġġata ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ bilanċjata • Proġett pilota ma' alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, il-Qafas Ewropew għall-Karrieri fir-Riċerka
--	--

5. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-trawwim tal-inklużività, filwaqt li titqies id-dikjarazzjoni ta' Ljubljana	• L-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-politika biex jiġu appoġġati l-aspetti kollha tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz ta' Pjanijiet u politiki inklużivi dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, u network dedikat tal-UE għall-implimentazzjoni tagħhom • Strateġija biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru inkluż il-fastidju sesswali fis-sistema Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u tiġi assicurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'ambjenti tax-xogħol permezz ta' bidla istituzzjonali fi kwalunkwe organizzazzjoni li tiffinanzja jew twettaq ir-riċerka • Approċċ ta' politika biex tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li jindirizza l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri biex imexxi 'l quddiem iż-ŻER il-ġdid • L-iżvilupp ta' prinċipji għall-integrazzjoni u l-evalwazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni f'kooperazzjoni mal-Organizzazzjonijiet nazzjonali ta' Finanzjament tar-Riċerka
6. L-approfondiment taż-ŻER permezz tal-protezzjoni tal-libertà akkademika fl-Ewropa	• Il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp ta' approċċ ta' politika biex tiġi salvagwardjata l-libertà tar-riċerka xjentifika fl-Ewropa, abbażi tad-dikjarazzjoni ta' Bonn dwar il-libertà tar-riċerka xjentifika • L-appoġġ lil organizzazzjonijiet interessati fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-linji gwida dwar l-interferenza barranija • Il-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport ta' monitoraġġ Ewropew dwar il-libertà tar-riċerka xjentifika
7. L-aġġornament tal-gwida tal-UE għal valorizzazzjoni aħjar tal-għarfien	• L-iżvilupp u l-approvazzjoni ta' Prinċipji Gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien • L-iżvilupp ta' Kodiċi ta' Prattika għall-użu intelliġenti tal-IP flimkien mal-partijiet ikkonċernati • L-iżvilupp ta' Kodiċi ta' Prattika għar-riċerkaturi dwar l-istandardizzazzjoni

8. It-tisħiħ tas-sostenibbiltà, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi tar-riċerka fiż-ŻER	• Analiżi strateġika tax-xenarju tal-Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka • Aċċess usa' u aktar sostenibbli tal-pajjiżi kollha għall-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka u s-servizzi tagħhom u reviżjoni tal-Karta Ewropea għall-Aċċess għall-Infrastrutturi ta' Riċerka • L-aġġornament tal-Pjan Direzzjonali tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) u l-implimentazzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni • Rapport dwar il-Qafas tal-Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) • Aktar kooperazzjoni bejn l-infrastrutturi tar-riċerka, l-infrastrutturi elettroniċi u l-partijiet ikkonċernati, inkluż permezz tal-EOSC
9. Il-promozzjoni ta' ambjent pożittiv u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal kooperazzjoni internazzjonali bbażata fuq ir-reċiproċità	• Aktar żvilupp tal-valuri u l-prinċipji għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni kif stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - l-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel li għandha tiġi promossa fi djalogi multilaterali ma' pajjiżi sħab u fora internazzjonali • It-tneidja ta' inizjattiva pilota waħda dwar l-approċċ ta' Tim Ewropa għal reġjun u/jew suġġett speċifiku dinji • L-iżvilupp ta' Aġenda Ewropea għad-Diplomazija Xjentifika • Il-promozzjoni ta' approċċ konġunt koordinat għall-involvement f'inizjattivi multilaterali

Qasam ta' Prijorità: Niffaċċjaw flimkien l-isfidi li ġgħib magħha t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, u nżidu l-partekċipazzjoni tas-soċjetà fiż-ŻER

Azzjonijiet taż-ŻER	Eżiti
10. Il-missjonijiet u s-sħubijiet tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE jsiru kontributuri ewlenin għaż-ŻER	• Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-ħolqien tas-sensibilizzazzjoni u l-bini tas-sjieda tal-missjonijiet tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE fil-livell nazzjonali, fil-livell reġjonali u dak tal-komunità sabiex jiġi promoss l-involviment taċ-ċittadini • Il-monitoraġġ tal-prestazzjoni ta' sħubijiet u kif dawn jikkontribwixxu għaż-ŻER il-ġdida u s-sett ta' valuri u prinċipji tagħha (abbażi tal-ħidma taċ-Ċentru ta' Sħubija tal-Għarfien)
11. ŻER għat-trasformazzjoni ekoloġika	• Approċċ ta' politika għal qafas ta' kooperazzjoni dwar teknoloġiji tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju sikuri u sostenibbli mmexxija mir-riċerka u l-innovazzjoni • L-iżvilupp ta' azzjoni pilota taż-ŻER tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-idroġenu ekoloġiku, filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza ma' inizjattivi relatati oħra u mingħajr preġudizzju għar-rilevanza ta' approċċ usa' tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-idroġenu • ERA4FutureWork: approċċ ta' politika (fil-livelli nazzjonali, reġjonali, lokali u tal-UE) biex jiġi indirizzat il-finanzjament tar-Riċerka u l-Iżvilupp għall-Futur tax-Xogħol

12. L-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika/diġitali tal-ekosistemi industrijali ewlenin tal-Ewropa	• Proċess ta' konsultazzjoni dwar il-ħtiġijiet tal-industriji relatati mar-Riċerka u l-Innovazzjoni, inkluż il-ħtiġijiet tat-taħriġ f'ħiliet/titjib tal-ħiliet, id-diġitalizzazzjoni, l-istandardizzazzjoni xprunata mir-riċerka u l-innovazzjoni, pjanijiet direzzjonali komuni tat-teknoloġija, u infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija • L-iżvilupp ta' qafas ta' politika robust biex tiġi appoġġata aħjar ir-riċerka fundamentali fil-livell nazzjonali u dak Ewropew biex jiġu ġġenerati għarfien u innovazzjoni rivoluzzjonarji • L-iżvilupp ta' approċċ ta' politika biex jintrabtu l-politiki industrijali u tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dwar kif tiġi aċċellerata l-adozzjoni industrijali tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, u t-tnedija ta' proġetti pilota fl-ekosistemi industrijali tat-trasport u tal-enerġija • L-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali tat-teknoloġija industrijali dwar teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju għal industriji intensivi fl-enerġija u dwar teknoloġiji industrijali ċirkolari • L-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni biex jipprovdi l-industrija bl-infrastrutturi tat-teknoloġija meħtieġa għall-ittestjar, il-validazzjoni u t-titjib tal-innovazzjonijiet • L-indirizzar tal-adattament soċjali għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi (u diġitali)
13. Tingħata l-awtorità lil Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja biex jiżviluppaw skont iż-ŻER, u f'sinerġija maż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni	• L-appoġġ għall-universitajiet fit-tranżizzjoni diġitali tagħhom, inkluż permezz ta' inizjattivi bħal Universitajiet Konnessi; • L-iżvilupp u l-adozzjoni ta' approċċ ta' politika biex ir-riċerkaturi jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa għal karriera interoperabbli fid-dinja akkademika u lil hinn minnha • Approċċ ta' politika dwar l-appoġġ futur fil-livell tal-UE għall-iżvilupp ulterjuri ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, inkluż permezz ta' Inizjattiva Ewropea ta' Eċċellenza u l-konsolidazzjoni tal-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej
14. Ix-Xjenza eqreb taċ-Ċittadini	• L-espansjoni tal-inizjattiva Plastic Pirates – Go Europe! • It-tnedija tal-Belt Ewropea għax-Xjenza, matul is-Sena Ewropea għaż-Żgħażaġħ, u n-networking ta' bliet Ewropej differenti. • Analiżi tal-fattibbiltà għal "Network tal-Media għax-Xjenza tal-UE" federat biex jiġi żgurat rappurtar ġurnalistiku aktar fattwali dwar ix-xjenza • Proposta ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-politika dwar il-prattiki ta' involviment pubbliku, inkluż l-involvement taċ-ċittadini fil-proċessi xjentifiċi

Qasam ta' Prijorità: L-amplifikazzjoni tal-aċċess għall-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni

Azzjonijiet taż-ŻER	Eżiti
15. Il-bini ta' ekosistemi reġjonali u nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jittejbu l-eċċellenza u l-kompetittività reġjonali/nazzjonali	• Id-definizzjoni u t-twettiq ta' proġetti pilota taċ-Ċentri taż-ŻER biex jippermettu l-ħolqien ta' ekosistemi kompetittivi tar-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-UE, biex jagħmlu tajjeb għad-diskrepanzi territorjali u jiżguraw fluss aktar faċli ta' talenti u investimenti • Proċess ta' konsultazzjoni dwar attivitajiet bilaterali ta' kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni biex tissaħħaħ u tiġi konnessa l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni fiż-ŻER
16. It-titjib tal-aċċess madwar l-UE għall-eċċellenza	• L-istabbiliment ta' fluss ta' ħidma dedikat fil-Forum taż-ŻER biex jittejjeb l-aċċess għall-eċċellenza • It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' appoġġ imfassal apposta għal Stati Membri individwali • Approċċ ta' politika dwar il-potenzjal tal-Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija (COST) biex jittejjeb l-aċċess għall-eċċellenza madwar l-UE
17. It-tisih tal-kapaċità strateġika tal-organizzazzjonijiet tal-Ewropa li jwettqu riċerka pubblika	• L-implimentazzjoni ta' Inizjattiva ta' Ġestjoni Xjentifika, b'mill-inqas 100 istituzzjoni parteċipanti madwar l-Ewropa

Qasam ta' Prijorità: L-avvanz fl-investimenti u r-riformi miftiehma tar-riċerka u l-innovazzjoni

Azzjonijiet taż-ŻER	Eżiti
18. Il-faċilitazzjoni ta' proċess nazzjonali jew it-tħejjija ta' mezz ta' politika taż-ŻER għall-identifikazzjoni ta' miżuri fis-seħħ jew ippjanati li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni taż-ŻER	Tiġi pprovduta koordinazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri dwar id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' approċċi ta' politika nazzjonali li jappoġġaw iż-ŻER
19. L-istabbiliment ta' mekkaniżmu effiċjenti u effettiv ta' monitoraġġ taż-ŻER	- L-iżvilupp tal-pjattaforma ta' politika online taż-ŻER bil-għan li jkun hemm sistema ta' rappurtar nazzjonali konsistenti, robusta u ttestjata għall-kwalità biex tissupplixxi l-pjattaforma ta' politika online, filwaqt li jitqiesu l-istrumenti attwali - L-iżvilupp tat-tabella ta' valutazzjoni taż-ŻER bil-għan li jiġi mmonitorjat il-progress lejn il-prijoritajiet taż-ŻER fil-livell tal-UE u l-progress ta' azzjonijiet individwali taż-ŻER fil-livell tal-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu l-istrumenti attwali
20. L-appoġġ għall-prijoritizzazzjoni, il-koordinazzjoni u d-direzzjoni tal-investimenti u r-riformi tar-riċerka u l-innovazzjoni	L-iżvilupp u l-promozzjoni tal-adozzjoni ta' approċċ ta' politika u investiment, permezz ta' djalogi ta' politika bilaterali u multilaterali sabiex jiġu appoġġati l-Istati Membri interessati fil-prijoritizzazzjoni tal-investiment tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż sinerġiji bejn il-programmi tal-UE u daww nazzjonali u l-applikazzjoni ta' riformi strutturali